MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2003

Citazzjoni Numru. 2061/1999/1

**Registratur tal-Qrati Superjuri.**

**vs**

**General Workers Union (GWU).**

**Il-Qorti,**

## <u>I. PRELIMINARI.</u>

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-
Illi b'rikors tal-20 ta' Awwissu 1999, is-socjeta' Malta International Airport plc talbet il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-Unjoni Haddiema Maghqudin (UHM) u l-General Workers Union (GWU), li bih talbu li l-intimati jigu mizmuma milli jkomplu jippromwovu jew izommu fis-sehh azzjonijiet industrijali fl-azjenda ta' l-istess Malta International Airport plc u/jew direttivi ghal tali azzjonijiet jew b'xi mod iehor iwaqqfu l-andament tax-xoqhol fl-Ajruport Internazjonali ta' Malta u fil-Heliport ta' Ghawdex operati mill-istess rikorrenti, u talbu l-hrug tal-mandat bl-

urgenza anke’ provvizorjament *stante* illi anke’ fl-istess gurnata kien hemm azzjonijiet ikkontemplati li kienu sejrin jikkrejaw diffikultajiet biex l-operazzjonijiet fl-Ajruport ikomplu. (Dokument “XI”).

Illi b’digriet ta’ l-istess jum 20 ta’ Awwissu 1999 din il-Qorti *inter alia* ordnat il-hrug provvizorju tal-mandat ta’ inibizzjoni numru 3751/99, (Dokument “X2”).

Illi l-Malta International Airport plc, b’rikors tat-23 t’Awissu 1999, giebu ghal-konjizzjoni ta’ din il-Qorti li l-intimati General Workers Union (GWU), konvenuti odjerni, gew debitamenf notifikati bl-imsemmi digriet f’nofs in-nhar tal-20 ta’ Awwissu 1999, u illi wara dak il-hin l-istess intimati, konvenuti odjerni, komplew jippromwovu l-azzjonijiet industrijali li gja’ kienu fis-sehh kif ukoll taw direttivi godda, li wahda minnhom kienet l-estensjoni verbali tad-direttiva originali in oltre l-hin li fih kellu jkun hemm l-ewwel waqfien mix-xoghol, liema estensjoni nghatat fi tmiem laqgha li saret ma’ dirigenti tal-istess Malta International Airport plc, ghal xi n-nofs siegha ta’ wara l-ikel, u talbu li din il-Qorti tordna lir-Registratur jiehu l-passi necessarji skond l-**artikolu 1003A tal-Kap.12,** (Dokument “X3”).

Illi ghalhekk qeghda ssir din il-kawza.

Illi b’digriet tat-2 ta Settembru 1999, din il-Qorti laqghet it-talba u ordnat lir-Reqistratur tal-Qorti sabiex tibda l-procedura ta’ disprezz kontra l-konvenuti odjerni General Workers Union fit-termini tal-precitat artikolu tal-ligi, (Dokument “X4”).

Ghalhekk jghidu il-konvenuti ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:

(1) Issibhom hatja ta’ disprezz ghall-awtorita’ taghha fit-termini tat-**Titolu XVII tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap12);** u

(2) Tikkundannahom ghall-pieni preskritti mill-ligi fl-istess **Titolu XVII** fuq imsemmi.

Bl-ispejjez kontra l-istess konvenuti li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni, u bit-twissija li jekk ma jidhrux huma jistghu jigu mgeghela biex iwiegbu ghall-akkuza bil-mezz ta’ mandat ta’ skorta jew ta’ arrest.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;
Rat il-lista ta’ xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 sa 9 tal-process;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti, General Workers Union ta’ l-24 ta’ Jannar 2000 a fol. 12 fejn gie eccepit:-

(1) Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez peress li l-eccipjenti ma kkommettew l-ebda disprezz lejn l-Awtorita` ta’ din l-Onorabbli Qorti fit-termini tat-**Titolu XVII tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta’ l-Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12)**.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenuti a fol. 13 tal-process.

Rat il-verbali tad-29 ta’ Frar 2000; tat-3 ta’ Mejju 2000 fejn xehdet Miss Gemma Debono bhala Direttur Generali tal-Qrati; tal-11 ta’ Lulju 2000 fejn xehedu Mario Cuomo, Alfred Mangion u Joseph Darmanin; tal-15 ta’ Novembru 2000 fejn il-Qorti laqghet it-talba ghar-rikors tal-attur ghal differiment; tat-28 ta’ Marzu 2001; tas-27 ta’ Gunju 2001 fejn xehdu l-Marixxal Joseph Borg u Alfred Mangion u fejn Dr. Abela ghamel riferenza ghall-kawza GWU vs MIA u UHM pendenti quddiem il-Prim’Awla tal-Qorti Civili quddiem l-Onor. Imhallef Geoffrey Valenzia fejn kienet qed tigi attakkata l-validita` o meno tal-mandat ta’ inibizzjoni mertu ta’ din il-kawza li qed jintalab id-disprezz lejn l-awtorita` tal-Qorti u ghalhekk talab lill-Qorti sabiex tissoprasjedi u testendi l-kawza; il-Qorti ordnat lill-Union konvenuta sabiex tipprezenta kopja legali ta’ l-allegata kawza fi zmien tletin (30) gurnata u irrizervat li tipprovdi dwar it-talba odjerna wara li tara dan id-dokument; tal-15

ta’ Novembru 2001 fejn Dr. Victor Zammit ipprezenta kopja tas-sentenza moghtija mill-Onor. Imhallef Geoffrey Valenzia fil-kawza GWU vs MIA et u l-kawza giet differita sabiex il-Qorti taghti provvediment fuq talba tal-Union konvenuta ghas-soprasessjoni; tas-6 ta’ Frar 2002 fejn Dr. Victor Zammit iddikjara li f’dan l-istadju m’ghandux iktar provi; tal-21 ta’ Marzu 2002 fejn xehed Ronnie Pellegrini; tal-25 ta’ April 2002; tas-6 ta’ Gunju 2002; tas-27 ta’ Novembru 2002 fejn in vista tar-rikors tax-xhud Tony Zarb, il-Qorti ddifferixxiet il-kawza ghall-ahhar darba; u tad-19 ta’ Frar 2003 fejn xehed Tony Zarb: tas-6 ta’ Mejju 2003 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghad-29 ta’ Mejju 2003;

Rat ix-xhieda tad-**Direttur Generali tal-Qrati** (a fol. 19); ta’ **Mario Cuomo**, **Alfred Mangion** u **Joseph Darmanin** (fol. 54 sa 83); tal-**Marixxall Joseph Borg** (a fol. 98); ta’ **Alfred Mangion** (a fol. 103); ta’ **Ronnie Pellegrini** (a fol. 159); u ta’ **Tony Zarb** (a fol. 188).

Rat in-nota tar-Registratur tal-Qrati ta’ l-4 ta’ Mejju 2000 fejn permezz taghha pprezentat vera kopja ta’ l-atti relattivi ghal din il-kawza (fol. 26 sa 45);

Rat ir-rikors tar-Registratur tal-Qrati Superjuri tal-24 ta’ Ottubru 2000 fejn talbet sabiex il-Qorti tiddifferixxi l-kawza ghal data ohra;

Rat id-digriet tas-26 ta’ Ottubru 2000 fejn il-Qorti tordna n-notifika tar-rikors lid-difensur tal-kontroparti b’jumejn zmien ghar-risposta;

Rat in-nota tal-General Workers Union ta’ l-20 ta’ Awissu 2001 li permezz taghha pprezentat id-dokumenti mitluba minnha fis-seduta tas-27 ta’ Gunju 2001;

Rat in-nota tar-Registratur tal-Qrati Superjuri li biha pprezenta kopja nformali tas-sentenza moghtija fid-19 ta’ Ottubru 2001 fil-kawza fl-ismijiet “GWU vs MIA et”;

Rat id-digriet moghti fis-6 ta’ Frar 2002 fejn il-Qorti laqghet l-oppozizzjoni tas-socjeta` attrici ghat-talba tal-Union

konvenuta ghas-soprasessjoni, u cahdet it-talba tal-Union konvenuta ghas-soprasessjoni skond il-verbal tas-27 ta' Gunju 2001 u l-15 ta' Novembru 2001 *stante* li hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk il-Qorti ordnat il-prosegwiment tal-kawza;

Rat ir-rikors tar-Registratur tal-Qrati ta' l-1 ta' April 2002 fejn talab li jirrizerva l-kontroezami tax-xhieda li se tinghata fis-seduta tal-25 ta' April 2002;

Rat ir-rikors ta' Tony Zarb, is-Segretarju Generali tal-General Workers Union tat-12 ta' April 2002 fejn talab lill-Qorti sabiex tiddifferixxi l-kawza peress li se jkun imsiefer meta jrid jidher biex jaghti x-xhieda tieghu;

Rat ir-rikors tar-Registratur tal-Qrati Superjuri tat-22 ta' Mejju 2002 fejn talab lill-Qorti sabiex tiddifferixxi l-kawza sabiex id-difensur tieghu ikun jista` jattendi ghall-kawza peress li jinsab imsiefer;

Rat id-digriet ta' l-24 ta' Mejju 2002 fejn il-Qorti ordnat in-notifika tar-rikors lid-difensur tal-kontroparti b'jumejn zmien ghar-risposta;

Rat ir-rikors ta' Tony Zarb tal-25 ta' Novembru 2002 fejn talab lill-Qorti sabiex tiddifferixxi s-smiegh tax-xhieda tieghu ghal seduta ohra;

Rat id-digriet tas-26 ta' Novembru 2002 u d-decizjoni tal-Qorti li tipprovdi seduta *stante*;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

### i) <u>PROVI PRODOTTI.</u>

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li s-socjeta' Malta International Airport plc, fl-20 ta' Awissu 1999 pprezentat rikors ghall-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni kontra *inter alia*

l-Union konvenuta sabiex l-istess intimati jigu inibiti milli *"jkomplu jippromovu jew izommu fis-sehh azzjonijiet fl-azjenda ta' l-esponenti u/jew direttivi ghal tali azzjonijiet jew b'xi mod iehor iwaqqfu l-andament tax-xoghol fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta u fil-Heliport ta' Ghawdex operati mill-esponenti u prezentement qed tintalab il-hrug ta' dan il-mandat bl-urgenza, anki provissorjament, stante illi anke dalghodu stess, l-ghoxrin ta' Awissu elf, disgha mija, disa' u disghin (20/8/99) hemm azzjonijiet ikkontemplati li ser jikkrejaw diffikultajiet biex l-operazzjonijiet fl-Ajruport ikomplu".*

Illi b'digriet datat 20 ta' Awissu 1999 fil-11.32.a.m. din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onor. Imhallef Frank G. Camilleri, wara li rat l-**artikolu 873 tal-Kap 12** u bla ma l-istess rikors kien gie appuntat ordnat *"il-hrug tal-mandat u ordnat wkoll li kopja tar-rikors u ta' dan id-digriet jigu notifikati lill-kontro-parti li jkkollhom erbgha u ghoxrin (24) siegha zmien ghar-risposta".*

Illi b'rikors iehor datat 23 ta' Awissu 1999, l-istess socjeta' rikorrenti ppremetiet li l-Union konvenuta kienet giet notifikata f'nofsinhar tal-20 ta' Awissu bl-istess digriet, izda l-intimati komplew jaghmlu azzjonijiet industrijali li gja kienu fis-sehh u wkoll taw direttivi godda inkluz li kellu jkun hemm waqfien mix-xoghol, liema l-ahhar direzzjoni nghatat ghall-habta tan-nofs siegha ta' wara l-ikel, u peress li dan kien jikkostitwixxi disprezz, talbu lill-Qorti sabiex tordna lir-Registratur tal-Qorti jiehu l-passi necessarji skond l-**artikolu 1003 A tal-Kap 12.**

Illi ghal dak li jirrigwarda dawn il-proceduri b'risposta tal-Union konvenuta datata 26 ta' Awissu 1999, sostniet li tali digriet provissorju gie notifikat fl-ufficcji taghha il-Belt Valletta fil-hin meta d-dirigenti kollha tal-istess Union kienu jinsabu fil-Malta International Airport biex ilaqqghu lill-haddiema li jahdmu mal-kumpanija rikorrenti u biex isegwi l-andament tad-direttivi li kienu gja fis-sehh u li kienu ilhom li nghataw mill-istess union. Kienu wkoll f'diskussjonijiet mad-dirigenti tal-kumpanija rikorrenti u hadd mid-dirigenti tal-istess socjeta' rikorrenti ma nforma lid-dirigenti tal-istess union b'tali digriet provissorju ta'

inibizzjoni, izda meta l-istess dirigenti saru jafu b'dan, l-istess Union hadet il-passi kollha necessarji sabiex l-istess azzjonijiet industrijali jigu sospizi.

Illi b'digriet tal-istess Qorti presejduta mill-Onorevoli Imhallef Frank C. Camilleri datat 2 ta' Settembru 1999 wara li kkonstatat li *"ex admissis"* l-azzjonijiet indusrijali ordnati mill-union intimata baqghu fis-sehh anke wara li l-mandat mahrug provizorjament gie esegwit skond il-ligi, ghalkemm id-dirigenti tal-istess union kienu qeghdin jallegaw li malli saru jafu bid-digriet tal-Qorti dawn l-azzjonijiet gew sospizi, u peress li fl-opinjoni tal-Qorti kif hekk presjeduta *"jidrilha li l-Union intimata hija prima facie passibbli ghad-disprezz lejn l-awtorita' taghha u li ghalhekk ghandha tigi citata f'gudizzju ghal daqshekk fejn il-fatti kollha tal-kaz ikun jistghu jigu eppurati",* laqghet it-talba u ordnat lir-Registratur tal-Qorti sabiex jibda proceduri kontra l-konvenuti odjerni ghad-disprezz lejn l-Awtorita' tal-Qorti.

Illi ghalhekk saret din ic-citazzjoni attrici sabiex l-istess Union konvenuta tigi ddikjarata hatja ta' disprezz lejn l-Awtorita' tal-Qorti u sabiex tigi konsegwentement ikkundannata ghall penali u/jew sanzjonijiet applikabbli fil-kaz skond it-**Titolu XVII tal-Kap 12.**

Illi fin-nota tal-eccezzjonijiet taghha l-Union konvenuta cahdet li kienet hatja ta' disprezz lejn l-istess Awtorita' tal-Qorti. Tony Zarb, is-Segretarju tal-istess Union konvenuta fid-dikjarazzjoni tieghu sostna li hu u l-ufficjali kollha tal-Union, dak il-hin tan-notifka tad-digriet provvizorju kontra l-istess Union, ma kenux l-ufficju tal-Union il-Belt fejn l-istess digriet gie notifikat, izda kienu kollha l-Ajruport ta' Malta jindirizzaw lill-haddiema ta' hemmhekk. Fil-fatt huwa, Ronnie Pelligrini, li kien is-Segretarju tat-Taqsima Port u Trasport dak iz-zmien, flimkien mal-konsulent legali tal-istess union kellhom ukoll laqgha mal-Management tal-Malta International Airport kmieni wara nofs in-nhar u lanqas dawn ta' l-ahhar ma nformaw lill-istess ufficjali tal-Union konvenuta bl-istess digriet; saret estensjoni tal-azzjoni industrijali *stante* li l-istess Management irrifjuta, skond il-union konvenuta ngustament, li jhalli lill-istess

Ufficjali u d-difensur tal-Union milli jindirizzaw lill-haddiema gewwa “hanger” u tali estensjoni ma saritx bhala disprezz lejn l-Awtorita’ tal-Qorti, tant li fil-fatt kif id-dirigenti saru jafu bl-istess digriet u ordni tal-Qorti mill-ewwel hadu l-passi sabiex l-azzjonijiet industrijali kollha jigu sospizi.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-istess digriet tal-20 ta’ Awissu 1999 fejn l-istess mandat ta’ inibizzjoni gie milqugh provvizorjament gie notifikat mill-Marixxal Joe Borg fil-ufficju tal-General Workers Union, il-Belt Valletta f’idejn Emmanuel Farrugia f’nofs-in-nhar. Dwar dan hemm l-istess riferta u wkoll ix-xhieda ta’ l-istess Marixxal tal-Qorti Joe Borg (27 ta’ Gunju 2001) li lanqas kien jaf x’kariga kellu l-istess imsemmi Emmanwel Farrugia.

Illi mix-xhieda ta’ Mario Cuomo, Safety and Administration Manager fil-Malta International Airport (11 ta’ Lulju 2000), u Alfred Mangion, Human Resources Manager tal-istess socjeta’ jirrizulta li l-haddiema tas-sezzjoni partikolari tal-fire section baqghu ghaddejjin bl-azzjonijiet industrijali fl-20 ta’ Awissu 1999 u dawn spiccaw meta l-istess haddiema dahlu lura ghax-xoghol is-Sibt 21 ta’ Awissu 1999 bejn is-7.30.a.m. u 7.45.a.m. Joseph Darmanin, Acting Chairman tal-istess socjeta’ sostna li l-istess xoghol tal-ajruport kien affettwat kwazi il-gurnata kollha tal-20 ta’ Awissu 1999.

Illi mix-xhieda ta’ Ronnie Pellegrini (21 ta’ Marzu 2002) jirrizulta li huwa dak iz-zmien kien Segretarju tat-Taqsima Port u Trasport tal-Union konvenuta li kienet involuta b’tilwima mal-kumpanija Malta International Airport plc dwar kwistjoni ta’ rikonnoxximent tal-Union mal-istess socjeta’ u fl-20 ta’ Awissu 1999 kienu ordnati azzjonijiet industrijali mil-haddiema tal-Fire Section fl-istess ajruport, u talbu lill-Management sabiex dak in-nhar ikellmu lill-haddiema, u allura l-azzjonijiet industrijali li kellhom jieqfu fis-2.00.p.m. gew estizi ghal wara u dawn jinfirxu ukoll mal-Air Malta, il-Port u diversi azjendi ohra fejn l-istess socjeta’ kienet azzjonista. Max-xhud kien hemm Tony Zarb u l-Avukat tal-Union Dr. George Abela, u spiccaw arrestati n-nies mill-Pulizija, u wara diversi laqghat mal-

Management u mal-membri tal-Puliizja kien biss wara it-8.00.p.m. li dahlu l-Union u hemm gew informati bid-decizjoni tal-Qorti w allura ordnaw il-waqfien tal-azzjonijiet industrijali kollha, u dan permezz tal-amministrazzjoni tal-istess Union, inkluz il-President, James Pearsall, Il-Vici President Salvu Sammut, u s-Segretarju Generali Tony Zarb, u d-Deputati Segretarji Generali nkluz Michael Parnis. Ir-rappresentanza legali kienet vestita fil-President u lis-Segretarju Generali, li kollha saru jafu bin-notifika tad-digriet kif waslu l-Union filghaxija.

Illi l-istess Tony Zarb, Segretarju Generali tal-Union (19 ta’ Frar 2003) xehed li kien sar jaf bid-digriet provvizorju tal-Qorti fl-20 ta’ Awissu 1999 wara is-7.00.p.m. mis-Segretarja Romina Bonnici, *stante* li huwa mal-Ufficjali kollha tal-Union, ma kenux l-ufficju tal-Union il-Belt dak in-nhar, *stante* li kienu saru jafu li kellhom haddiema membri tal-union arrestati u kollha nizlu fuq l-lant tax-xoghol, u wara d-Depot, u f’xi 6.00.p.m. jew 6.30.p.m. saret *press conference*. Wara dan saru jafu bid-digriet u l-azzjonijiet industrijali gew ritirtati. Sostna li Emmanuel Farrugia kien il-*Financial Controller* tal-Union.

## ii) PRINCIPJI LEGALI.

Illi tajjeb li jigi rilevat illi l-kawza odjerna titratta dwar kawza ta’ disprezz lejn l-Awtorita` tal-Qorti. Bhala tali taqa’ taht id-dispozizzjonijiet tal-**Artikolu 988 sa 1003A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta,** u dwar il-principji li jirregolaw l-istess istitut qed issir riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet **“Registratur tal-Qorti Superjuri vs Dolores sive Didi Busietta”** deciza minn din il-Qorti kif presjeduta fit-18 ta’ Ottubru 2000 (Citaz. Numru. 1914/98/RCP).

Illi fl-istess sentenza giet citata d-decizzjoni “**Catherine Portelli vs Joseph Cachia et noe**” (A.K. 28 ta’ Jannar 1991) fejn inghad li tali artikoli huma ntizi sabiex:-

“*Tiddisponi li certi atti jikkostitwixxu disprezz lejn l-Awtorita` tal-Qorti u tippreskrivi l-pieni li ghandhom jigu nflitti fuq min jinsab li jkun ikkommetta xi att minn dawk. F’ dawn il-kazijiet il-ligi tispecifika l-pieni tac-canfira, tal-*

*ammenda jew multa, jew tad-detenzjoni preskritti mill-Kodici Kriminali. Mill-premess jidher car li dan il-procediment huwa ta' indoli kriminali. Il-fatt li l-istess procediment gie introdott b' citazzjoni, cjoe` l-att li ordinarjament jintuza f'azzjonijiet civili, u ma jnehhi xejn minn natura kriminali. Ic-citazzjoni f' dan il-kaz m'hija xejn hlief it-tahrika ta' "l-akkuzat" biex jidher biex iwiegeb ghall-akkuza* ***(Artikolu 998 tal-Kap 12)****.*"

Illi wkoll jinghad li l-procediment odjern huwa skond is-sentenza "**Il-Qorti vs Antoine R. Camilleri**" (P.A. C.C 9 ta' Novembru 1990):-

"*Stabbilit mill-ligi, aktar milli bl-iskop li tigi kustodita d-dinjita` tal-Qorti, biex tigi tutelata l-amministrazzjoni tajba tal-gustizzja*."

Illi ovvjament dawn ir-regolamenti huma mehtiega sabiex tinzamm l-ordni tant li l-Qorti fis-sentenza taghha **"Il-Qorti vs George Galea"** (A.C. H.H. 14 ta' Marzu 1988. LXXII.ii.228) sostniet:-

*"li jehtieg li kulhadd jifhem tajjeb li biex tinzamm il-buon ordni f'socjeta' hadd ma jista' jmur kontra l-ligi. Il-konvenut ma kellu l-ebda dritt li jinjora l-inibizzjoni tal-Qorti, qallu x'qallu haddiehor".*

Illi skond kif intqal fis-sentenza **"Dr. Louis Vella *proprio et nomine vs* Joseph Gatt"** (P.A. (RCP) 29 ta' Mejju 2001) dan ifisser *"li tali regolamenti qeghdin hemm sabiex b'mod effettiv jigi accertat li hadd ma jista' jmur kontra l-ligi u jinora l-ordnijiet li taghti il-Qorti'.*

Illi l-proceduri t'allegazzjoni ta' disprezz lejn l-Awtorita' tal-Qorti mertu tal-kawza odjerna gew istitwiti kontra Union li hija kkonsidrata skond l-**artikolu 3 tal-Kap 266** bhala assocjazzjoni ta' persuni u bhala tali tagixxi skond l-istess artikolu skond il-paragrafu (1) (c) kemm bhala persuna li tista' titharrek u tharrek *inter alia* dwar delitti jew kwazi delitti u ghalhekk isegwu il-principji li gew stabbiliti u kkonfermati fil-kuntest ta' persuni legali skond kif inghad fis-sentenza **"Registratur tal-Qrati Superjuri vs Silvio**

**Camilleri et"** (P.A. (RCP) 17 ta' Jannar 2001) fejn inghad li:-

*"Illi ghalhekk il-principju hu ben stabbilit li socjeta` kummercjali tista' tinstab responsabbli ghal delitt jew kwazi delitt. Dak li ghadu pjuttost diskutibbli fil-gurisprudenza huwa jekk l-att li ta' lok ghad-danni ghandux ikun ultra vires jew intra vires".*

Illi mill-provi kollha prodotti rrizulta li l-imsemmi digriet provvizorju tal-20 ta' Awissu 1999 gie notifikat lil certu Emmanuel Micallef f'nofs in-nhar fil-Workers Memorial Building, Valletta, l-ufficju principali tal-istess entita' konvenuta u ghalhekk jidher li l-istess notifika saret validament skond id-dispozizzjonijiet tal-**artikolu 187 (4) tal-Kap 16.**

Illi jirrizulta wkoll mill-istess provi li l-Ufficjali tal-istess Union inkluzi s-Segretarju Generali, Tony Zarb, u s-Segretarju tat-Taqsima Port u Trasport tal-Union konvenuta, Ronnie Pellegrini, kienu kollha l-Malta International Airport isegwu azzjonijiet industrijali li kienu ordnaw bhala Union lill-haddiema membri tal-istess Union, konsistenti minn impjegati tal-fire section tal-istess socjeta' dwar il-kwistjoni ta' rikonoxximent mis-socjeta' Malta International Airport tal-Union li kellha tirrapprezenta sezzjoni ta' haddiema tal-istess kumpanija, u fil-fatt jirrizulta li l-istess Ufficjali kienu talbu li jindirizzaw lill-haddiema membri taghhom fuq l-istess post tax-xoghol u dan il-permess ma nghatax u ghalhekk komplew l-azzjonijiet industrijali, li jirrizulta li eskalaw anke bil-prezenza ta' membri tal-Korp ta' Pulizija li ssejhu fuq il-post. Bejn laqghat mal-Management u inkontri mal-Ufficjali tal-Pulizija, jirrizulta li l-istess Ufficjali kollha tal-Union medesima flimkien mal-konsulent legali taghhom Dr. George Abela kienu il-hin kollu fl-istess Airport u wara d-Depot tal-Pulizija, Floriana, u kien biss meta rritornaw fl-ufficju taghhom il-Belt Valletta, li l-istess Ufficjali gew informati bin-notifka tal-imsemmi Mandat ta' Inibizzjoni, u dan *tramite* Romina Bonnici, s-Segretarja ta' dak iz-zmien tas-Segretarju Generali tal-istess Union Tony Zarb, u dan

wara li nghatat press conference mill-istess dirigenza tal-Union.

Illi x-xhieda kollha prodotti tal-Union konvenuta, lkoll Ufficjali dak iz-zmien tal-istess Union, kollha xehdu li huma kienu infomati b’tali notifika tal-mandat provvizorju tal-20 ta’ Awissu 1999 ghall-habta’ tas-7.00.p.m. dak in-nhar stess u wara laqgha li saret ukoll mar-rapprezentanti tat-taqsima tal-istess Union li kienu nvoluti fl-istess azzjonijiet industrijali, mill-ewwel hargu l-ordnijiet lil diversi haddiema f’diversi sezzjonijiet, li l-azzjonijiet industrijali kienu minhabba tali mandat provvizorju, qed jigu sospizi u gie ordant li l-istess haddiema jirritornaw ghax-xoghol normali taghhom.

Illi dawn il-fatti lanqas gew ikkontestati mill-attur, li pero’ qed jikkontendi li fil-fatt wara n-notifika f’dik il-gurnata, f’nofs in-nhar, hemm kaz ta’ disprezz lejn l-Awtorita’ tal-Qorti peress li ‘neffetti l-azzjonijiet industrijali ordnati mill-Union tkomplew anke wara dak il-hin, u fil-fatt l-istess haddiema rritornaw ghax-xoghol biss l-ghada 21 ta’ Awissu 1999.

Illi in verita’ dan ukoll huwa kollu minnu u jirrizulta li l-azzjonijiet industrijali tkomplew almenu sakemm u wara li l-Ufficjali tal-istess Union irritoraw fil-kwartieri taghhom il-Belt sas-7.00.p.m., izda jirrizulta wkoll li kif l-istess dirigenti tal-Union konvenuta gew informati bl-istess notifika tal-Mandat ta’ Inibizzjoni, milqugh provvizorjament, inghatat l-ordni minnhom sabiex tali azzjonijiet jigu sospizi u l-haddiema jirritornaw ghax-xoghol bla ebda ordni ohra.

Illi stabbilit il-premess m’hemm l-ebda dubju li l-istess Union bhala assocjazzjoni ta’ persuni b’personalita’ guridika distinta mill-membri taghha kif indikat fl-**artikolu 3** tal-istess **Kap 266,** tagixxi biss *tramite* r-rapprezentanti Ufficjali taghha, u dan il-kaz m’huwiex eccezzjoni; illi la darba din il-kawza qed tittrata dwar kaz t’allegat disprezz fi proceduri ta’ indoli kriminali, isegwi li jrid jigi pruvat l-att ta’ disprezz allegat kemm fattwalment u kemm intenzjonalment fl-Ufficjali tal-istess Union li jmexxu l-

istess, ghaliex hekk biss tista' tigi koncepita azzjoni bhal din kontra persuna jew assocjazzjoni legali.

Illi fil-kaz in ezami jirrizulta bla ebda dubju kwalunkwe, tant li tali fatti qatt ma gew ikkontestati, li l-istess Ufficjali li jirraprezentaw il-Union konvenuta ma kenux jafu bin-notifika tal-istess mandat u digriet provvizorju t'inibizzjoni, fil-mument li gie notifikat f'nofs in-nhar tad-19 ta' Awissu 1999, u hadd ma kkomunika maghhom dak in-nhar meta l-Ufficjali kollha kienu l-Airport Nazzjonali ta' Malta, hlief wara li waslu lura fil-kwartieri taghhom, il-Belt Valletta ghall-habta tas-7.00.p.m. Kif hekk informati bl-istess digriet ta' din il-Qorti diversament presjeduta, m'hemm l-ebda dubju lanqas li nghataw l-ordnijiet appositi lill-haddiema kollha *tramite* l-ufficjali u rapprezentanti tad-diversi taqsimiet tal-Union involuti fl-azzjonijiet industrijali, sabiex l-istess azzjonijiet industrijali jigu sospizi minhabba l-istess ordni tal-Qorti premessa.

Illi f'dan l-istadju jigi rilevat li f'dik il-gurnata stess Ufficjali tal-Union u l-konsulent legali taghhom kellhom laqghat mal-Management tal-istess socjeta' Malta International Airport plc. anke wara l-hin li l-istess mandat gie notifikat fl-ufficju tal-istess Union, izda ma rrizultax li l-istess membri tal-Management infurmaw anke b'mod informali lill-Ufficjali tal-istess Union bl-istess mandat u digriet. Dan huwa wkoll sinfikanti meta wiehed iqis li r-rikors ghat-talba tal-hrug tal-mandat provvizorju kontra l-istess Union konvenuta gie pprezentat fl-20 ta' Awissu 1999 mis-socjeta' Malta International Airport plc u jidher li l-istess mandat gie milqugh provvizorjament mill-Qorti diversament presjeduta permezz ta' digriet datat 20 ta' Awissu 1999 fil-11.32.am. (kif hemm indikat fl-istess digriet immarkat bhala Dok. "X2" a fol. 7 tal-process) fil-11.32.a.m. w ghalhekk jirrizulta li l-istess rikors gie miqlugh mill-istess Qorti mill-ewwel b'dan li l-istess Ufficjali tal-Union konvenuta jidher li saru jafu bil-proceduri u d-digriet kif fuq indikat, u qatt qabel ma gew notifikati b'xi att gudizzjarju in konnessjoni mal-premess.

Illi dawn il-fatti kif qed jigu stabbiliti f'din id-decizjoni kienu l-istess medesimi li l-istess Union konvenuta esponiet u

ddikjarat kemm fid-dikjarazzjoni taghha annessa mal-istess citazzjoni mahlufa minn Tony Zarb fl-24 ta' Jannar 2000 fl-atti ta' din il-kawza, kif ukoll fir-risposta tal-Union konvenuta datata 26 ta' Awissu 1999 wara r-rikors li kienet ipprezentat is-socjeta' Malta International Airport plc datat 23 ta' Awissu 1999 sabiex titlob li jittiehdu proceduri ta' disprezz fil-konfront tal-istess Union.

Illi tali sottomissjonijiet tal-istess Union gew lkoll korroborati mix-xhieda prodotta f'din il-kawza, b'mod li jirrizulta li t-tezi tal-istess Union konvenuta li hija m'ghandhiex tinstab hatja ta' disprezz ghaliex waqfet l-azzjonijiet industrijali malli l-Ufficjali taghha gew a konoxxenza tad-digriet w ordni tal-Qorti bid-digriet premess, giet ippruvata w ghalhekk l-eccezzjoni tal-istess Union ghandha tigi milqugha anke ghaliex fl-ebda stadju ta' din il-kawza ma gie pruvat li l-istess Union *tramite* l-ufficjali taghha, wara li l-istess Ufficjali gew informati bl-ezitu tad-digriet tal-Qorti u bin-notifika relattiva, ghamlu ntenzjonalment xi haga kontra l-istess ordni. Jirrizulta li malli gew informati bl-istess digriet adirixxew ruhhom mal-istess, u taw ordnijiet appoziti sabiex jissosspendu kull azzjoni ndustrijali li kienet qed titiehed in konnessjoni mat-tilwima tax-xoghol minnhom allegata.

Illi a propositu jinghad li b'decizjoni fil-kawza fl-ismijiet **"General Workers Union vs Malta International Airport plc"** (P.A. (GV) 19 ta' Ottubru 2001) il-Qorti kif presjeduta mill-Onor. Imhallef Geoffrey Valenzia ddecidiet li *"tirrevoka d-digriet tat-23 ta' Awissu 1999* (fejn gie milqugh il-Mandat ta' Inibizzjoni Numru 3751/99) *kif ukoll id-digriet fejn gie milqugh provvizorjament il-Mandat ta' Inibizzjoni Numru 3751/99 datat ghoxrin (20) ta' Awissu 1999, u ordnat il-hrug tal-kontro-mandat opportun"* izda tali decizjoni ghada *sub judice* ghaliex hemm appell pendenti dwar l-istess li jidher li sa llum mhux appuntat.

Illi ta' rilevenza hija li fl-istess sentenza nghad li l-azzjoni industrijali li kienet ittiehdet mill-Union konvenuta f'din il-kawza saret abbazi ta' talba taghha ghar-rikonnoxximent taghha bhala rapprezentanta tal-haddiema membri taghha fl-istess socjeta' Malta International Airport plc u bhala tali

l-istess Qorti sostniet li azzjoni ndustrijali mehuda minn Union sabiex tottjeni *"rikonoxximent minn principali jew assocjazzjonijiet ta' principali tad-dritt ta' trade union li tirraprezenta haddiema f'xi negozjati jew konsultazzjonijiet hija kkonsidrata bhala tilwima tax-xoghol"* w ghalhekk bhala tali ma *"tista' tittiehed ebda azzjoni fil-konfront ta' Union dwar delitt jew kwazi delitt minhabba xi ghemil li jkun allegat li sar minn jew f'isem trade union. Art. 17 Kap 266. Lanqas seta` jinhareg il-mandat in kwistjoni. Jigi nnutat li l-kaz kien gie riferut lit-Tribunal Industrijali bhala tilwima ta' xoghol u dan gie kostitwit biex jisma` din it-tilwima ta' xoghol. Il-konvenuti…… kienu kitbu lill Ministru tal-Politika Socjali fejn talbu li t-tilwima industrijali bejn il-M.I.A. u l-G.W.U u l-U.H.M. u M.A.T.C.A. tigi riferita lit-Tribunal Industrijali ai termini tal-ligi".*

Illi dan ifisser li d-digriet, mertu tal-kawza odjerna, hemm biss sentenza fuq citata d-dikjarazzjoni ta' nullita' tieghu, izda dan fih innifsu ma setax iservi ghal kollox a beneficcju tal-Union konvenuta f'dawn il-proceduri, ghaliex fil-mument tal-atti allegati mill-attur, li ma gewx ippruvati kif inghad, l-istess Mandat ta' Inibizzjoni kien ghadu veljanti.

Illi l-argument ma jieqafx hawn ghaliex hawn *si tratta,* mhux biss ta' kwistjoni ta' proceduri gudizzjarji *ut sic,* izda minhabba dak li gie dikjarat fl-istess sentenza appena citata, iqum il-punt dwar l-ammissibilita' ta' tali proceduri ta' inibizzjoni u anke dawk odjerni, in vista tal-immunita' moghtija *inter alia* lill-Unions abbazi tal-**artikolu 17 tal-Kap 266,** kif ezistenti f'dak iz-zmien tal-allegat akkadut, u din il-Qorti thoss li kaz *de quo* fejn b'gudizzju tal-Qrati taghha, l-istess azzjoni ndustrijali tal-Union medesima giet interpretata li kien konformi mal-ligi abbazi tal-**artikolu 2 tal-Kap 266**. Dan ikun ifisser u jsegwi legalment li l-istess Mandat ta' Inibizzjoni premess u l-mandat provvizorju li ta aditu ghall-pendenza odjerna, qatt ma seta` legalment inhareg, w ghalhekk huwa null *ab initio* ghaliex imur kontra d-dispozizzjoni tal-**artikolu 17 tal-Kap 266,** u jista' jsegwi, allura, li ghalhekk lanqas dawn l-proceduri ma setghu jissussistu minhabba l-istess immunita' *ex lege* dikjarata.

Illi għalhekk it-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda.

**III. KONKLUZJONI.**

Illi għalhekk għal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeċiedi,** billi filwaqt li tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-Union konvenuta, **tiċħad it-talbiet attriċi bħala nfondati fil-fatt u fid-dritt.**

Bl-ispejjeż kollha kontra l-istess attur.

**Moqrija.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------